

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

KUNSILL

Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, tal-25 ta' Mejju 2007 dwar perspettivi futuri għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tal-politika dwar iż-żgħażaġh

(2007/C 314/07)

Il-Kunsill u r-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill,

WARA LI KKUNSIDRAW

- (1) it-talba tal-Kunsill ⁽¹⁾ biex jiġi evalwat fl-2009 l-qafas ġenerali għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh li ġie maqbul fl-2002;
- (2) l-ewwel skambju ta' fehmiet dwar il-perspettivi futuri għall-politika Ewropea dwar iż-żgħażaġh, li nżamm fil-Kunsill Edukazzjoni, Żgħażaġħ u Kultura li ltaqa' fis-16 ta' Frar 2007 abbażi ta' dokument ta' diskussjoni konġunt mill-Presidenzi tal-Ġermanja, il-Portugall u s-Slovenja u bil-ħsieb ta' l-evalwazzjoni tal-qafas ta' kooperazzjoni;
- (3) il-ħidma ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni Ewropea ta' Konsulenti dwar il-Politika Ewropea ⁽²⁾ li tenfasizza l-importanza ta' investimenti fil-benesseri taż-żgħażaġh, is-saħħa, l-edukazzjoni, l-integrazzjoni tas-suq tax-xogħol u ċ-ċittadinanza attiva;
- (4) ir-rapport interim tal-Kummissjoni Ewropea għall-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa ta' l-2007 intitolat *Inventarju tar-Realtà Soċjali* ⁽³⁾, li jshaq dwar il-kwistjoni ta' ekwità interġenerazzjonali kontra l-isfond ta' globalizzazzjoni u bidla demografika u jħejji t-triq għal dibattitu miftuħ dwar kwistjonijiet soċjali u sfidi li ser jaffettwaw ukoll fundamentali is-sitwazzjoni soċjali taż-żgħażaġh fl-Ewropa;

- (5) it-talba tal-Kunsill ⁽⁴⁾ biex jiġi promoss djalogu strutturat ma' żgħażaġh bil-ħsieb li jżied l-involvement, fil-livelli kollha, ta' żgħażaġh u l-organizzazzjonijiet tagħhom fl-iffurmar u l-implimentazzjoni tal-linji politiċi li jaffettwawhom u b'hekk tiġi promossa ċ-ċittadinanza attiva tagħhom.

- (6) il-Patt Ewropew għaż-Żgħażaġħ approvat mill-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa ta' l-2005, li identifika oqsma ta' prijorità għal azzjoni li fihom kien meħtieġ involvement akbar taż-żgħażaġh u ta' l-atturi rilevanti kollha fil-politika dwar iż-żgħażaġh,

1. JIĠBDU L-ATTENTENZJONI GĦALL-FATT li, skond il-Patt Ewropew għaż-Żgħażaġħ, tfassil ta' politika dwar iż-żgħażaġh effettiva u sostenibbli jeħtieġ approċċ verament trans-settorjali fl-oqsma ta' politika rilevanti, li l-Kunsill għandu l-ħsieb jagħmel kontribut prinċipali fl-iffurmar u l-implimentazzjoni tagħhom;

2. JIĠBDU L-ATTENZJONI WKOLL GĦALL-FATT li, bil-ħsieb ta' bidliet demografiki osservabbli fl-Istati Membri kollha, bin-numru ta' żgħażaġh bħala proporzjoni tal-popolazzjoni totali li għandu jonqos aktar fid-deċenni li ġejjin, qed tenħtieġ aktar strateġija trans-settorjali sabiex jiġu żviluppati linji politiċi sostenibbili u ekwi b'mod interġenerazzjonali li jaqsmu l-opportunitajiet u l-piżijiet meħtieġa b'mod uniformi fil-gruppi ta' età kollha u li jippermettu iż-żgħażaġh jiksbu livell ta' awtonomija li jixraq aktar għall-età u l-ħtiġijiet tagħhom;

⁽¹⁾ Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar l-indirizzar tat-tħassib taż-żgħażaġh fl-Ewropa — l-implimentazzjoni tal-Patt Ewropew għaż-Żgħażaġħ u l-promozzjoni ta' ċittadinanza attiva (ĠU C 292, 24.11.2005, p. 5).

⁽²⁾ http://ec.europa.eu/dgs/policy_advisers/publications/index_en.htm

⁽³⁾ COM(2007) 63 finali.

⁽⁴⁾ Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar l-implimentazzjoni ta' l-oġġettivi komuni għall-parteċipazzjoni minn u l-informazzjoni għaż-żgħażaġh bil-ħsieb li tiġi promossa ċ-ċittadinanza Ewropea attiva tagħhom (ĠU C 297, 7.12.2006, p.6).

3. JINNOTAW li l-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni u l-Patt Ewropew għaż-Żgħażaġħ huma l-għodod prinċipali għall-iżvilupp ta' politika dwar iż-żgħażaġh fl-Ewropa. Fl-interessi ta' l-efiċjenza, il-koerenza u l-viżibbiltà, għandhom jiġu żviluppati inizjattivi mmirati biex jiżguraw li dawn l-għodod jistgħu fil-futur jinteraġġixxu aħjar u b'hekk ikunu rinforzabbli b'mod reċiproku. Kwalunkwe żieda fl-ammont ta' rapportar meħtieġ attwalment mill-Istati Membri għandu jiġi evitat;
4. JISSOTTOLINJAW l-importanza tal-programm *Żgħażaġħ f'Azzjoni* ⁽¹⁾ fiż-żieda ta' kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tal-politika dwar iż-żgħażaġh, u tal-Fondi Strutturali Ewropej fil-kontribut lejn l-implimentazzjoni tal-Patt Ewropew għaż-Żgħażaġħ fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali u tal-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni;
5. JILQGĦU inizjattivi mill-Kummissjoni li jenfasizzaw ir-rwol ta' żgħażaġh irġiel u nisa bħala riżors fundamentali għall-organizzazzjoni futura tas-soċjetà fl-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, billi jinkoraġġixxu approċċ verament trans-settorjali lejn it-fassil ta' politika dwar iż-żgħażaġh, jirrinforzaw id-djalogu strutturat maż-żgħażaġh u jipromwovu l-awtonomija u ċ-ċittadinanza attiva taż-żgħażaġh;
6. JESPRIMU r-rieda tagħhom biex jgħinu fl-iżvilupp, it-tmexxija l-quddiem u s-segwitu ta' tali inizjattivi, waqt li jfittxu l-appoġġ mill-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat tar-Reġjuni, u jieħdu kont tar-rwol ta' l-atturi reġjonali u lokali rilevanti;
- 6a) BI ĦSIEBHOM, li bl-adozzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet, jikkontribwixxu b'sett ta' proposti rilevanti dwar perspettivi tematiċi u strutturali futuri għal diskussjoni sħiħa dwar perspettivi futuri għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tal-politika dwar iż-żgħażaġh u għall-ewalwazzjoni tal-qafas ta' kooperazzjoni fl-2009;
7. JIKKUNSIDRAW li, f'dan l-isfond, il-kwistjonijiet li ġejjin huma partikolarment rilevanti:
- (a) Kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tal-politika dwar iż-żgħażaġh tikkondividi r-responsabbiltà għall-indirizzar tal-kwalità tal-ħajja taż-żgħażaġh fl-Ewropa permezz ta' strumenti speċifiċi ta' politika dwar iż-żgħażaġh, iżda wkoll permezz ta' integrazzjoni mtejba tad-dimensjoni taż-żgħażaġh fi u l-koordinazzjoni trans-settorjali ma' oqsma ta' politika relatati. Tali kooperazzjoni tista' tiġi msaħħa bl-għan ta':
- it-titjib ta' l-inklużjoni soċjali taż-żgħażaġh u l-faċilitar tat-transizzjoni tagħhom lejn l-awtonomija u b'hekk rispons għall-isfidi demokratiċi, b'mod partikolari permezz ta':
 - l-għoti tal-possibbiltà għaż-żgħażaġh kollha li jiksbu l-ħiliet u l-kompetenzi bażiċi meħtieġa,
- (b) L-iżvilupp tal-politika dwar iż-żgħażaġh f'mod trans-settorjali u f'kooperazzjoni mill-qrib maż-żgħażaġh, ma' daww aktar attivi fil-qasam taż-żgħażaġh u ma' organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh huwa mill-aktar importanti. Fost proposti oħra li għandhom jiġu żviluppati, l-istrumenti eżistenti tad-djalogu strutturat — bħall-avvenimenti taż-żgħażaġh tal-Presidenza u l-Ġimġha Ewropea taż-Żgħażaġħ — għandhom jintużaw biex jospitaw fora informali li jinvolvu atturi minn oqsma ta' politika relatati tal-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew. Għandha tingħata attenzjoni biex jiġi żgurat li r-rappreżentanti taż-żgħażaġh huma involuti mill-bidu fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' tali fora, b'kunsiderazzjoni partikolari għaż-żgħażaġh li huma f'sitwazzjonijiet soċjalment, kulturalment jew ekonomikament żvantaġġati.

(1) ĠUL 327, 24.11.2006, p. 30.

Għandhom jiġu żviluppati proposti għal kooperazzjoni trans-settorjali msaħħa fil-Kunsill u l-korpi tiegħu li huma involuti fil-qasam taż-żgħażaġh.

- (c) Rapport regolari taż-Żgħażaġħ Ewropej dwar is-sitwazzjoni taż-żgħażaġh fl-Ewropa jista' jgħin biex jiġu analizzati u tingħbed l-attenzjoni għat-tħassib taż-żgħażaġh u l-kwalità tal-ħajja tagħhom, kif ukoll għall-iżvilupp tal-politika dwar iż-żgħażaġh fl-Ewropa. Bħala parti mid-djalogu strutturat, iż-żgħażaġh għandhom jikkontribwixxu b'mod attiv għall-eżerċizzju tar-rappurtar. Ir-Rapporti għandhom jit-qiesu bħala inċentivi viżibbli biex iqajmu diskussjonijiet skond il-prijoritajiet tematiċi tagħhom.

Biex jiġu evitati obbligi ta' rappurtar addizzjonali, dan għandu jsir bl-użu ta' l-informazzjoni miġbura permezz ta' l-eżerċizzji ta' rappurtar taħt il-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni, bl-addizzjoni possibbli ta' data rilevanti u eżempji strutturati ta' Prattika tajba mill-Istati Membri, organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u l-qasam tar-riċerka.

- (d) Sabiex jittejbu l-kontinwità, il-koerenza u l-viżibbiltà fil-qasam taż-żgħażaġh, għandu jsir użu ottimali tal-kooperazzjoni bejn it-tliet Presidenzi abbażi ta' programmi ta' 18-il xahar. F'konformità mar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill⁽¹⁾, dan jinkludi kooperazzjoni f'waqtha mat-tliet Presidenzi li ġejjin u l-Kummissjoni, sabiex abbażi ta' aġenda endorsjata mill-Kunsill il-prijoritajiet tematiċi jkunu identifikati b'mod ċar għat-tliet snin li ġejjin.

Il-Presidenzi għandhom jagħtu attenzjoni partikolari biex jagħmlu konnessjonijiet bejn il-passi individwali tad-djalogu strutturat maż-żgħażaġh u biex jiżguraw li jkun hemm segwitu għal kwistjonijiet diskussi maż-żgħażaġh.

- (e) Għandu jiġi stabbilit qafas trans-konfini biex jiġu ffaċilitati skambji ta' l-aħjar Prattika bejn l-atturi lokali u reġjonali tal-politika dwar iż-żgħażaġh, b'enfasi partikolari fuq "tagħlim mill-pari" fir-rigward ta' l-istrateġiji ta' implimentazzjoni lokali għall-Patt Ewropew għaż-Żgħażaġħ. Is-sejbiet ta' dawk l-iskambji għandhom ikunu faċilment aċċessibbli għall-partijiet interressati kollha u għandhom jiġu evalwati u sfruttati b'mod sistematiku, ukoll bħala parti mill-kontribut tal-Ministri taż-Żgħażaġħ lejn il-kisba ta' l-Għanijiet ta' Lisbona.

L-iskambji għandhom jiġu appoġġati minn sett ta' linji gwida għall-ippjanar, l-istrutturar u l-evalwazzjoni. Għandu jiġi kkunsidrat l-iżvilupp ta' skema ta' premijijiet sabiex tingħbed l-attenzjoni għall-eżempji eċċellenti ta' l-implimentazzjoni b'suċċess ta' strateġiji lokali u biex titqajjem kuxjenza tal-ħidma li ssir fil-qasam taż-żgħażaġh fil-kuntest Ewropew.

(¹) ĠUL 285, 16.10.2006, p. 47.